# KUNSILL LOKALI NADUR

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Nadur**

**Għaxar (10) LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru Ħmistax (15)**

**L-Erbgħa 30 ta' April 2025**

Il-Kunsill Lokali tan-Nadur iltaqa' fis-10:00am.

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Edward Said | Sindku |
| Kevin Curmi | Viċi Sindku |
| Eucharist Camilleri | Kunsillier |
| Jean Paul Portelli | Kunsillier |

**UFFIĊJALI PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Sue Ellen Buġeja | Segretarju Eżekuttiv |
| Kaitlyn Vella | Ambaxxatur taż-żgħażagħ, |

Il-laqgħa bdiet b'talba.

**15.1. Qari tal-ittri ta' l-apoloġiji.**

Il-Kunsilliera Rebecca Vella kienet skuzata minħabba impenji ta' xogħol.

IFFIRMATA
Edward Said
Sindku

IFFIRMATA
Sue-Ellen Bugeja
Segretarja Ezekuttiva

## KUNSILL LOKALI NADUR

**15.2. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti u Skeda tal-Pagamenti**

Il-Minuti tat-Tlettax il-laqgħa (13)L-Erbgħa 26 ta' Marzu u tal-Erbattax (14) laqgħa b'urgenza tal-It-Tnejn 7 t'April ġew approvati, iffirmati u ddikjarati bħala dokumenti uffiċjali. Dawn kienu ntbgħatu lil Kunsilliera bil-quddiem għall-kunsiderazzjoni tagħhom. Filwaqt li dawn ġew approvati unanimament, l-iskeda tal-pagamenti numru 13 ġiet iffirmata. Din ġiet iffirmata mis-Sindku, Segretraju Eżekuttiv, Proponent- Eucharist Camilleri u Sekondant- Kevin Curmi .

Kien hemm xi kontijiet li daħlu fl-aħħar ġurnata, u dawn ġew spjeġati lil Kunsilliera u aċċettati sabiex jidħlu fl-iskeda. Kien hemm qbil dwar l-iskeda tal-paġamenti.

**15.3. Informazzjoni dwar sitwazzjoni finanzjarja.**

Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv taw update fuq l-aħħar żviluppi dwar is-sitwazzjoni finanzjarja u l-kontijiet il-bank u l-compliance audit.

Il-Kunsill għadu għaddej bil-Compliance u Financial Audit. Is-Segretarju Eżekuttiv tat update fuq dawn.

Qed nghalqu Claim tal-Milied u Karnival - Skema DLG u Kultura.

Trid issir il-Claim co-financing tar-Rural Roads – Il-proġett huwa magħluq.

Laqgħa FSI Indicator – Data -27th May fl-10.30am. Dan il-ħin is-sindku ta update fuq sitwazzjoni li kunsill mhux ilaħħaq mal-allokazzjoni għalkemm qed jittieħdu l-miżuri kollha meħtieġa. Is-Sindku kompla jispjega fuq sponsorships u skemi għal l-attivitajiet u proġetti futuri biex kemm jista' jkun ikunu *fully funded* jew jitnaqqsu l-ispejjez. Kien hemm diskussjoni fit-tul.

Il-Kunsillier Eucharist Camilleri irringrazzja lis-Sindku u s-Segretarja fuq il-finazi. Hu għamel remarka ukoll li meta jkun hemm delegazzjoni ta' Charter u ta' ġemillaġġi dawn ikunu xogħol tal-Kunsill b'laqgħat barra minn Malta.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Edward Said | Sue-Ellen Bugeja |
| Sindku | Segretarja Ezekuttiva |

Pagamenti taż-żibel lil Reġjun Għawdex imħallsa kollha.

Daħlet l-allokazzjoni ta' 126,000 euro.

Daħlu 375 euro fuq Skema Clean Up – Din mgħaluqa.

1K minn na]a tar-Regjun fuq refund pulizija.

Daħlu LESA tas-snin ta' qabel (10% administration fee).

Is-Sindku ta update fuq il-laqgħa li kien hemm ma' l-għaqdiet tan-Nadur fuq kollaborazzjoni mal-Kunsill.

**14.4. Komunikazzjoni mis-Sindku, mistoqsijiet u żviluppi mil-Kunsilliera;**

Pendenti minn dak mitlub:

***Sar xogħol mit-talbiet ta' kull kunsillier matul l-aħħar xahar.***

- Sindku :- Dawl fi Triq tad-Duru (dan irid isir dawl fil-belvedere), Jitranġa bidu ta' sqaq fi Triq ir-Ramla, Sement ma' bankini f'diversi toroq, Titranga parti minn rampa fi Triq Bingemma, Jitranga bridge li jagħti fl-għelieqi ta' San Blas, Pilastru tal-ġebel f'Daħlet Qorrot, bankina biex titranga fi Triq Xandriku.
    - Viċi Sindku :- Niktbu rigward is-servizz tad-drenaġġ fi Triq il-Qortin, ħajt tas-sejjieħ fi Triq ir-Ramla l-Qadima, tabelli ta' speed limits fi Triq tad-Duru, N shaped Bullard fi Triq it-Tiġrija u tinbidel siġra fil-Pjazza.
    - Avv.Rebecca Vella :- Speed limits fi Triq il-Qortin.
    - Eucharist Camilleri :-Ma hemm xejn pendenti.

IFFIRMATA
Edward Said
Sindku

IFFIRMATA
Sue-Ellen Bugeja
Segretarja Ezekuttiva

- Jean Paul Portelli :- Rampa f'Wied Bingemma, Rampa biex titranga fi Triq Wied Bingemma u l-qasma ta' ħdejn iċ-ċimiterju,

**Updates mill-Kunsilliera:**

**Sindku:**

- Is-Sindku ta update fuq it-Torri ta' Kenuna. Il-Kunsill qed jistenna mingħand id-departimenti konċernati.
- Inawġurazzjoni tal-arbli l-ġodda fl-iskola Primarja tan-Nadur ser tkun il-gimgħa d-dieħla.
- Sports day ser tkun il-Gimgħa bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill u Nadur Football Nursery. Il-Kunsill assista ukoll fil-printing man-Nursery.
- Il-ħarga kulturali tat-tfal year 5 ser tkun it-Tlieta 20 ta' Mejju.
- Ser tingħata token lil Kinder fil-gradwazzjoni. Kien hemm qbil.
- Saret manutenzjoni f'Daħlet Qorrot u tal-Ħali.
- Kunsill tat-Tfal- Ma kienx hemm kommunikazzjoni minn naħa ta' Malta sew u allura għalissa minn naħa tal-kunsill mhux ser imexxu fuqa aktar**.**

**Kevin Curmi:**

- Il-Viċi Sindku ta update fuq il-proġetti EU. Illum ser ikollu laqgħa oħra.
- Il-program Leader ħareġ issa u ser ikun isegwiħ il-Viċi Sindku.

**Eucharist Camilleri**

- Ta update fuq il-Ħarġa Kulturali ta' l-Anzjani f'Malta.
- Is-servizz tas-Saħħa- It-tabib u s-sala għadhom mhux konfermati.
- Ta update fuq il-laqgħa tac-Charter. F'Stary marru żewġ zgħazagħ minn Nadur li pparteċipaw ħafna fil-laqgħat. Luxembourg sejrin 6- Maria Finger, Raymond Vella, Rachel Bonello, Rebecca Bonello, Is-Segretarju Eżekuttiv u Eucharist Camilleri.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Edward Said | Sue-Ellen Bugeja |
| Sindku | Segretarja Ezekuttiva |

## KUNSILL LOKALI NADUR

**Jean Paul Portelli**

- Ta update fuq il- Wirja Agrarja 2025. Is-Show tal-klieb u tal-papri konfermati.
- Ta update fuq il-Kors tal-presepju tas-sajf.

**15.5 Korrispondenza**

- GAGF applikazzjoni – *M3 Empowering Communities to Act as Env. Stewards (LEADER)*- Il-Viċi Sindku, Kevin Curmi ser jara fuqha.
- Talba għal sinjali sofor fi Triq Karlu Borg. TM informat li minn naħa tal-Kunsill u allura ser naraw fuq il-fuq.
- Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li bil-*Collective Agreement* il-ġdid ta' l-iskrivani tal-Kunsill il-performance bonus ta' skrivani li qedin skala 16 u skala 13 ġiet 10% minflokk 6% u ser jieħdu b'lura l-ħlas minn meta daħlu f'Jannar 2024.

  Il-paga ta' Executive Officer skala 13 ser titla skala 12 u titħallas bl-arretrati fuq skala 12 u tibqa tiela sa skala 11.
- Regjun Għawdex dwar ħlas tal-parteċipant Carlos Xuereb minn Nadur fil-European Youth Orchestra 2025.
- Il-Kunsillier Eucharist Camillieri flimkien mal-Kunsillier Jean Paul Portelli marru fuq il-post tal-ground flimkien mal-Perit tal-Kunsill. Eucharist innota li ser isir pjanta fuq iz-zewġ areas u jgħaddu lil Kunsill. Hu kompla jgħid li malli jiġu l-permessi imorru MGP peress li l-Ministru għal Għawdex kien qal lil Kunsill li ha jsir ix-xogħol minn naħa tal-MGP.

**15.6 Offerti Pubblici.**

**Offerta Tal-playing field tal-Ħali (Slide)** – Is-Sindku ta update fuq l-proġett. Kien hemm qbil li napplikaw fuq fondi DPF u inziedu biċċa oħra biex tkun kompluta l-area tat-tapit kollu.

IFFIRMATA<br>Edward Said<br>Sindku

IFFIRMATA<br>Sue-Ellen Bugeja<br>Segretarja Ezekuttiva

## KUNSILL LOKALI NADUR

**Wine Festival 2025**– Ser jinħarġu kwotazzjonijiet fuq is-sistema ta' sound system u dwal, servizzi ta' security, stage, ambulanza u xi affarijiet oħra.

**15.7 Progetti u skemi:**

**Skema LESA (Latrina San Blas)** – Is-Sindku ta update fuq il-Latrina ta' San Blas. Qed nistennew l-approval mingħand DPF. Is-siġar gew imħarkin.

**SPI/SCI/02/2024-Finanzjament-Komunijiet aktar b'saħħithom u inklussivi** (għal equipment fil-playing field tal-Ħali) –Kien hemm diskussjoni fuq xogħol li ser isir u jiġu applikati il-fondi ta' DPF. Il-Kunsill irid ukoll japprova il-layout tal-ingineer.

**EU Funds – GAGF – Rejuvination – Ġnien il-Kunsill**- Ser jiġi iffirmat kuntratt mall-kuntrattur u jinbeda x-xogħol. Fuq il-Proġett ser ikun il-Viċi Sindku Kevin Curmi flimkien mas-Sindku. Il-Ħsieb li jiġi inawġurat wara l-Festa 2025.

**EU Funds – GAGF – Rejuvination** – Il-Viċi Sindku ta update u way forward fuq dan.

**EU Funds – Twinning** – Il-Viċi Sindku ta update fuq dan.

**Skema TM**- l-applikazzjoni ġiet approvata, nistennew minn TM ħabba buses.

**SPI/SCI/02/2025 - Skema għall-Attivitajiet Kulturali Annwali 2025 /2026**- Il-Kunsill applika għal Karnival Spontanju 2026.

**SPI.SCI.03.2025 - Inizjattiva Finanzjarja - Lokalitajiet aktar nodfa 2025** – Il-Kunsill applika.

**SPI.SCI.04.2025 - Espressjoni ta' Interess - Milied 2025** – Il-Kunsill ser japplika.

**Proġett Pjazza** – Is-Sindku ta update tal-proġett tal-Pjazza. Qed nistennew mingħand il-Perit Robert għadna li kien il-Perit fuq il-Proġett.

**Triq ir-Ramla l-Qadima** – Il-Kunsill għandu l-approvazzjoni tad-DLG għal varjazzjonijiet u x-xogħol addizzjonali.

IFFIRMATA
Edward Said
Sindku

IFFIRMATA
Sue-Ellen Bugeja
Segretarja Ezekuttiva

**KUNSILL LOKALI NADUR**

SPI.SCI.06.2025- Fond ta' Manutenzjoni u Sostenn ta' Proġetti Infrastrutturali Maġġuri li ġew imwettqa mill-Gvern Ċentrali- Kien hemm qbil li l-Kunsill japplika ghal playing field tal-Hali peress li dan diga sar xoghol mill-Gvern Centrali fl-ahhar snin, li fih issir manutenzjoni tad-dawl li bhalissa huwa hazin hafna u anke jinbidlu is-safety mats li hemm ghal ohrajn godda u li huma low maintenance. Dan filwaqt li nkopru spiza ta engineer/perit. Kien hemm qbil unanimu.

SPI.SCI.05.2025- Espressjoni ta' Interess Finanzjament Karnival 2026- Kien hemm qbil li l-Kunsill japplika fuq din l-iskema ghal-Karnival Organizzat 2026.

SPI.SCI.07.25- Finanzjament Komunitajiet aktar b'saħħithom u ta' kwalita'- Kien hemm qbil li l-Kunsill japplika sabiex isir embellishment tal-Belvedere fi Triq Duru li jinsab fi stat hazin hafna. Ser isiru il-BOQs u pjanti mal-engineer u perit. Kien hemm qbil unanimu li napplikaw ghal dan u anke sabiex inkopru spejjez ta engineer/perit.

**15.8 Attivitajiet, Inizzjattivi u Ħidma Soċjali:**

**Wine Fest** – Ġie diskuss u maqbul l-entertainment li ser ikunu Upper Lip, Rebecca and Passengers, Cash and Band ,The Rug, Pierre Cordina u J. Annvile.

**Halloween** – Kien hemm qbil li s-shelter jingħata lil għaqdiet zgħazagħ Imnarja u Triq il-Kapillan ma xulxin. Il-Kunsill mhux ser joħroġ flus isir kollox minn naħa tal-għaqdiet. Is-Sindku innota li ser jipprova iġib aktar sponsors fuq din l-attivita' u anke il-**Karnival 2026.**

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Edward Said | Sue-Ellen Bugeja |
| Sindku | Segretarja Ezekuttiva |

**Milied** – Kien hemm diskussjoni fuq l-entertainment u l-parade.

**Nadur 10K** – Is-Sindku ta update. Garmin ser jieħdu ħsieb huma l-Marketing. Il-medalja ġiet ordanta.

**Mnarja:**

Is-Sindku ta l-updates fuq l-Imnarja biex jiġu approvati l-entertainment u l-kwotazzjonijiet.

**Il-festa tat-Tfal** ser isir fis-19 ta' Gunju. Kien hemm qbil li isiru bubble show, micky mouse show, puppet show u games tas-soltu għat-tfal.

**L-Ikla Tradizzjonali**- Ġie diskuss l-entertainment li kien hemm qbil li jkunu- Straight ahead folk music u Imnarja Folk Group.

**Wirja Agrarja**- Kien hemm qbil fuq l-entertainment -Imnarja folk group u Ta' Verna s-Sibt. Il-Ħadd- il-grupp ta' Anglu, għana u ċ-Cittadella Folk Group. Kien hemm qbil ukoll fuq sheep show, horse show, Dog show u car show ħdejn il-football area.

**Summer Games** – Kien hemm qbil li għalissa ma jsir xejn.

**15.9. Materji Ohra:**

**Ambaxxatur taż-żgħażagħ il-ġdid**- Kien hemm diskussjoni bejn l-Ambaxxatur taż-żgħażagħ Kaityn Vella u l-Kunsill fuq l-Ambaxxatur il-ġdid. Kien hemm qbil wara bejn il-Kunsilliera prezenti li l-Ambaxxatur l-ġdid tkun Elisa Buttigieg.

**Laqgħat ta' Konsultazzjoni** – Kien hemm qbil li isir laqgħa ta' konsultazzjoni tal-Karnival Spontanju u oħra tal-Ħidma tal- Kunsill.

IFFIRMATA
Edward Said
Sindku

IFFIRMATA
Sue-Ellen Bugeja
Segretarja Ezekuttiva

Sub Committee Karnival – Il-kunsill ser jibda jaħseb fuq nies li jistgħu jkunu validi.

**Permessi tax-xogħol li jsiru fit-toroq** – Kien hemm qbil li nibdew inzommu deposit fuq indafa u li triq titħalla fi stat tajjeb wara li jsiru permessi ta' cranes, trenching etc.

**Attendant fil-Latrina ta' San Blas** – Kien hemm qbil li il-Kunsill jibgħat talba lil MGP għal attendant mall-latrina li ser tinbena f' area ta' San Blas.

**15.10. Rikjesti u Talbiet mill-Pubbliku;**

**15.10.1. Rikjesti mis-Sindku Edward Said:-**

- Talba għal yellow lines ma' garages:- Triq Guze Ellul Mercer u Triq it-Telegrafu.
- Talba biex tinbidel kanna tal-mera fi Triq ir-Ramla.
- Talba għal Sement fin-nizla tal-wied tad-Duru għax inqasam.
- Talba għal zebgħa ħdejn il-Latrina ta' Ġnien il-Kunsill.
- Talba għal sement wara ċint fin-nizla tal-Bajja ta' San Blas.
- Talba biex jinbidel bank fi Triq San Gakbu.
- Titneħħa bankina tas-sement ta' telephone box fi Triq Saver Cassar.

**15.10.2. Rikjesti mingħand il-Viċi Sindku Kevin Curmi**:-

- Talba għal sement ma' bankina tax-Xini.
- Telephone box tal-Pjazza għaż-żebgħa.

**15.10.4. Rikjesti mingħand il-Kunsillier Eucharist Camilleri-**

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Edward Said | Sue-Ellen Bugeja |
| Sindku | Segretarja Ezekuttiva |

- Talba għal ruxtellu fi Triq Papa Ljun.
- Talba għal sleeping police fi Triq Bingemma. Il-Kunsill mhux jagħmel sleeping police.

**15.11 Tmiem tal-laqgħa.**

Il-laqgħa spiċċat fl-1:00 p.m. Il-Laqgħa Pubblika ser isir 21 ta' Mejju 4:00p.m. u fil-5:00p.m.il-laqgħa tal-Kunsill.

IFFIRMATA
Edward Said
Sindku

IFFIRMATA
Sue-Ellen Bugeja
Segretarja Ezekuttiva